32000D0675

4.11.2000 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 280/63

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-20 ta' Ottubru 2000

li tistabbilixxi kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd li joriġinaw mir-Repubblika Islamika ta' l-Iran

(notifikata taħt id-dokument numru Ċ(1998) 3066)

(Test b' relevanza għaż-ŻEE)

(2000/675/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill (KEE) Nru 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tniżżel il-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u għat-tpoġġija fuq is-suq ta' prodotti tas-sajd [1], kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kunsill 97/79/KE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 11 ta' din,

Billi:

(1) Espert tal-Kummissjoni mexxa mawra ta' spezzjoni fir-Repubblika Islamika ta' l-Iran sabiex jivverifika l-kondizzjonijiet li taħthom isiru, jinħażnu u jintbagħtu prodotti tas-sajd lejn il-Komunità.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni tar-Repubblika Islamika ta' l-Iran dwar spezzjoni ta' saħħa u sorvelljanza ta' prodotti tas-sajd jistgħu jitqiesu bħala ekwivalenti għal dawk li jinsabu fid-Direttiva 91/493/KEE;

(3) Fir-Repubblika islamika ta' l-Iran, l-Organizzazzjoni Veterinarja Iranjana (OVI) tal-Ministeru ta' Jihad-e-Sazandegi hija kapaċi tivverifika b' mod effettiv l-applikazzjoni tal-liġijiet fis-seħħ.

(4) Il-proċedura sabiex jinkiseb iċ-ċertifikat ta' saħħa msemmi fl-Artikolu 11(4)(a) tad-Direttiva 91/493/KEE trid tkopri wkoll id-definizzjoni ta' ċertifikat mudell, ir-rekwiżiti minimi li jirrigwardaw il-lingwa(i) li biha(hom) irid jiġi abbozzat u l-grad tal-persuna li għandha s-setgħa li tiffirmah.

(5) Skond l-Artikolu 11(4)(b) tad-Direttiva 91/493/KEE, għandha titwaħħal marka mal-pakketti tal-prodotti tas-sajd li tagħti l-isem tal-pajjiż terz u n-numru ta' approvazzjoni/reġistrazzjoni ta' l-istabiliment, il-bastiment fabbrika, il-maħżen kiesaħ jew il-bastiment friża ta' oriġini;

(6) Skond l-Artikolu 11(4)(ċ) tad-Direttiva 91/493/KEE għandha ssir lista ta stabilimenti, bastimenti fabbriki u maħżen kiesħa approvati, u trid issir ukoll lista ta' bastimenti bil-friża armati skond il-punti 1 sa 7 ta' l-Anness II tad-Direttiva approvati, 92/48/EEC [3]. Dawn il-listi għandhom isiru fuq il-bażi ta' komunikattiva mill-OVI lill-Kumissjoni. Huwa għalhekk ix-xogħol ta' l OVI li tagħmel ċert li jkun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati għal dawk il-finijiet fl-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 91/493/KEE.

(7) L-OVI provdiet assigurazzjonijeit uffiċjali li jirrigwardaw konformità mar-regoli stipulati fil-Kapitolu V ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE u li jirrigwardaw is-sodisfazzjon tar-rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stipulati minn dik id-Direttiva.

(8) Il-miżuri provduti f' din id-deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊISJONI:

Artikolu 1

L-Organizzazzjoni Veterinarja iranjana (OVI) tal-Ministeru tal-Jihad-e-Sazandegi għandha tkun l-awtorità kompetenti fir-Repubblika Islamika ta' l-Iran li tivverifika u tiċċertifika l-konformità ta' prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura mar-rekwiżiti tad-Direttiva 91/493/KEE.

Artikolu 2

Prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura li joriġinaw fir-repubblika Islamika ta' l-Iran iridu jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

1. kull kunsinna trid tkun akkumpanjata b' ċertifikat tas-saħħa oriġinali u numerat, mimli, iffirmat u datat kif suppost u li jkun jikkonsisti f' folja waħda skond il-mudell li jinsab fl-Anness A hawn isfel;

2. il-prodotti jridu jiġu minn stabilimenti, bastimenti fabbrika, maħżen kiesħa jew bastimenti friża approvati u elenkati fl-Anness B hawn isfel;

3. ħlief fil-kas ta' prodotti tas-sajd friżati li jiġu bil-balk u li huma intenzjonati għall-manufattura ta' ikel preservat, il-pakketti kollha jrid ikollhom il-kelma "IRAN" miktuba fuqhom kif ukoll in-numru ta' approvazzjoni/reġistrazzjoni ta' l-istabiliment, tal-bastiment fabbrika, tal-maħżen kiesaħ jew tal-bastiment friża b' ittri li ma jistgħux jitħassru.

Artikolu 3

1. Iċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 2(1) iridu jinkitbu f' ta' mill-inqas lingwa uffiċjali waħda ta' l-Istat Membru fejn isiru l-kontrolli.

[1] ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15.
[2] ĠU L 24, tat-30.8.1993, p. 31.
[3] ĠU L 187, tas-26.6.1999, p. 41.

2. Iċ-ċertifikati jridu juru l-isem, il-kariga u l-firma tar-rappresentant ta' l-OVI kif ukoll it-timbru uffiċjali ta' din ta' l-aħħar b' kulur differenti minn dak ta' firem jew timbri oħrajn.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ 60 jum wara li tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 5

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-20 ta' Ottubru 2000.

Għall-Kummissjoni
David BYRNE
Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS A

ĊERTIFIKAT TA' SAĦĦA

Għal prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura li joriġinaw mir-Repubblika Islamika ta' l-Iran u li huma intenzjonati għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea, eskluži molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi marittimi f' kull forma

Numru ta' referenza: .....

Pajjiż minn fejn jintbagħtu: **REPUBBLIKA ISLAMIKA TA' L-IRAN**

Awtorità kompetenti: Organizzazzjoni Veterinarja Iranjana (OVI) tal-Ministeru ta' Jihad-e-Sazandegi

I. **Dettalji li jidentifikaw il-prodotti tas-sajd**

— Deskrizzjoni tal-prodotti tas-sajd/akwakultura [1]:

— Speċji (isem xjentifiku): .....

— Presentazzjoni tal-prodott u tip ta 'trattament [2]: .....

— Numru tal-kodiċi (fejn disponibbli): .....

— Tip ta' ippakkjar: .....

— Numru ta' pakketti: .....

— Piż nett: .....

— Temperatura mehtieġa għall-ħżin u għat-trasport: .....

II. **Oriġini tal-prodotti**

Isem (ismijiet) u n-numru(i) uffiċjali ta' approvazzjoni ta' l-isabiliment(i), il-bastiment(i) tal-fabbrika jew il-maħżen(imħażen) kiesha approvati reġistrati mill-OVI għall-esportazzjoni lejn il-KE: .....

.....

III. **Destinazzjoni tal-prodotti**

Il-prodotti jintbagħtu minn: .....
(Post minn fejn jintbagħtu)

lejn: .....
(pajjiż u post ta' destinazzjoni)

permezz tal-mezzi ta' trasport li ġejjin: .....

Isem u indirizz ta' konsenjant: .....

.....

.....

Isem ta' konsenjatarju u indirizz fil-post ta' destinazzjoni: .....

.....

[1] Aqta' fejn applikabbli
[2] Ħajjin, imkesshin, iffriżati

IV. **Attestat ta' saħħa**

— L-ispettur uffiċjali jiċċertifika li l-prodotti tas-sajd jew ta' l-akwakultura speċifikati hawn fuq:

1. inqabdu, u nġarru abbord bastimenti skond ir-regoli tas-saħħa stipulati mid-Direttiva 92/48/KEE;

2. tniżżlu fuq l-art, inġarru u fejn xieraq ġew ippakkjati, preparati, proċessati, iffriżati, thallew jinħallu u ġew maħżuna b' mod iġjeniku skond ir-rekwiżiti stipulati fil-Kapitoli II, III u IV ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;

3. għaddew minn kontrolli ta' saħħa skond il-Kapitolu V ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;

4. huma ippakkjati, immarkati, maħżuna u trasportati skond il-Kapitoli VI, VII u VIII ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;

5. ma jiġux minn speċji tossiċi jew minn speċji li fihom il-biotossiċi;

6. għaddew b' mod sodisfaċenti minn kontrolli organolettiċi, parasitoloġiċi, kimiċi u mikrobioloġiċi stipulati għal ċerti kategoriji ta' prodotti tas-sajd mid-Direttiva 91/493/KEE u fid-deċiżjonijiet implimentattivi tagħha.

— L-ispettur uffiċjali sottoskritt jiddikjara li huwa infurmat fuq id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/493/KEE, id-Direttiva 92/48/KEE u d-Deċiżjoni 2000/675/KE.

Magħmul ....., fil- .....
(post) (data)

timbru uffiċjali ([3])

.....
Firma ta' l-ispettur uffiċjali ([3])

.....
(Isem f' ittri kapitali, kariga u kwalifiki tal-persuna li qegħda tiffirma)

([3]) Il-kulur tat-timbru u tal-firma iridu jkunu differenti minn dak tad-dettalji l-oħra f'dan iċ-ċertifikat

L-ANNESS B

LISTA TA' STABILIMENTI U BASTIMENTI APPROVATI

Nru ta' Approvazzjoni	Isem	Belt Reġjun	Kategorija
600	Maħżen kiesaħ ta' Axoradeh	Golestan	PP
601	Maħżen kiesaħ ċentrali tax-Xilat Trade Co.	Tehran	PP
602	Maħżen ta' l-Istorjun f' Anzali	Gilan	PP
603	Maħżen kiesaħ ta' Babolsar	Mazandaran	PP
604	Ċentru ta' l-Iproċessar ta' l-Isturjun ta' Ċonċenan	Gilan	PP
605	Ċentru ta' l-Iproċessar ta' l-Isturjun ta' Naxtarod	Mazandaran	PP
606	Ċentru ta' l-Iproċessar ta' l-Isturjun ta' Ħosejnbad	Mazandaran	PP
607	Ċentru ta' l-Iproċessar ta' l-Isturjun ta' Iżadeh	Mazandaran	PP
608	Ċentru ta' l-Iproċessar ta' l-Isturjun ta' Xafarod	Gilan	PP
609	Ċentru t'a l-Iproċessar ta' Bandar Turkman	Golestan	PP
610	Ċentru ta' l-Iproċessar ta' l-Isturjun ta' Mirod	Mazandaran	PP
700	Mah Protein	Buxehr	PP
701	Abdaxt-e-Xargh	Hormozgan	PP
703	Produzzjoni Marittima Buxehr	Buxehr	PP
704	Industrija t'a l-Ikel tal-Golf Persjan	Hormozgan	PP
705	Ċanċo	Gilan	PP
706	Jahan Xill (Kumpless kolaki ta' 500t)	Hormozgan	PP
709	Morvarid Sayd	Buxehr	PP
711	Mostaan	Hormozgan	PP
713	Kumpless ta' 4000t Ċogadak	Buxehr	PP
714	Abzjan-e-mahtab	Buxehr	PP
717	Maħżen kiesaħ Ghasemi	Buxehr	PP
718	Djavan Food Industrial Co. (Proċessar u Ippakkjar ta' Gambli ta' l-Ilma Ħelu)	Tehran	PP
720	Xalu	Buxehr	PP
721	Pavereh	Buxehr	PP
722	Kext-o-sanat Buxer	Buxehr	PP
723	Tabrid Mohaseb	Khozestan	PP
725	Laħam mingħajr għadam u Ċanga ta' Hormozgan	Hormozgan	PP

Nru ta' Approvazzjoni	Isem	Belt Reġjun	Kategorija
Q-732	Abdasht e Shargh Co. (Ipproċessar u ippakkjar ta' Ħut u Gambli)	Tehran	PP
800	Ferdos 1	Hormozgan	ZV
801	Ferdos 2	Hormozgan	ZV
802	Ferdos 3	Hormozgan	ZV
803	Kasra	Hormozgan	ZV
809	Kavjan	Hormozgan	ZV
810	Afson	Hormozgan	ZV

PP: Impjant ta' l-iproċessar

ZV: Bastiment friża.